

Brussell, 23 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10026/26
ADD 1

LIMITE

AELE 35
MI 574
N 37
FL 15
ISL 22

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0135(NLE)

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Abbozz DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet

ABBOZZ

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru .../...

ta' ...

**li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE,
dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim taż-ŻEE tiġi estiża biex tinkludi r-Regolament (UE) 2025/2643 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2025 li jstabbilixxi l-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea u qafas ta' miżuri biex jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-provvista f'waqthom ta' prodotti tad-difiża ("ir-Regolament EDIP")¹.
- (2) Huwa xieraq li l-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA fl-attivitajiet li jirriżultaw mir-Regolament (UE) Nru 2025/2643 tibda mill-1 ta' Jannar 2026, irrispettivament mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u irrispettivament minn jekk it-tweġġ tar-rekwiżiti kostituzzjonali għal din id-Deċiżjoni, jekk ikun hemm, ikun innotifikat wara l-10 ta' Lulju 2026.
- (3) Jjenhtieg li entitajiet stabbiliti fl-Istati tal-EFTA jkunu intitolati li jipparteċipaw f'attivitajiet li jibdew qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Il-kostijiet imġarrba għal dawn l-attivitajiet, li l-implimentazzjoni tagħhom tibda mill-1 ta' Jannar 2026, jistgħu jitqiesu bħala eliġibbli taħt l-istess kundizzjonijiet bħal daww applikabbli għall-kostijiet imġarrba minn entitajiet stabbiliti fl-Istati Membri tal-Unjoni, dment li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ qabel it-tmiem tal-azzjoni kkonċernata.
- (4) Il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA u l-istituzzjonijiet, l-impriżi, l-organizzazzjonijiet u ċ-ċittadini tagħhom fil-programmi tal-Unjoni huma stabbiliti fil-Ftehim dwar iż-ŻEE u b'mod partikolari fl-Artikolu 81 tiegħu.

¹ ĠU L, 2025/2643, 29.12.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/2643/oj>.

- (5) Għaldaqstant jenħtieġ li l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat biex tkun tista' ssir dik il-kooperazzjoni estiża mill-1 ta' Jannar 2026,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:



Artikolu 1

Il-paragrafu segwenti jiżdied wara l-paragrafu 16 tal-Artikolu 7 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE:

“17 L-Istati tal-EFTA għandhom, mill-1 ta' Jannar 2026, jipparteċipaw fl-azzjonijiet tal-Unjoni relatati mal-att u l-linji baġitarji li ġejjin, imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea:

- **32025 R 2643:** Ir-Regolament (UE) 2025/2643 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2025 li jistabbilixxi l-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea u qafas ta' miżuri biex jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-provvista f'waqthom ta' prodotti tad-difiża (“ir-Regolament EDIP”) (ĠU L, 2025/2643, 29.12.2025).
- **Linja baġitarja 13 01 06:** “Nefqa ta' appoġġ għall-Programm Ewropew għall-Investment fil-Qasam tad-Difiża”.
- **Linja baġitarja 13 08 01:** “Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea”.

Il-kostijiet mġarrba għal attivitajiet li l-implimentazzjoni tagħhom tibda mill-1 ta' Jannar 2026 jew, jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) 2025/2643 jiġu ssodisfati, mill-5 ta' Marzu 2024, jistgħu jitqiesu bħala eliġibbli mid-data tal-bidu tal-azzjoni msemmija fil-ftehim tal-għotja jew fid-deċiżjonijiet tal-għotja kkonċernati, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fihom, dment li d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE [Din id-Deċiżjoni] tidħol fis-seħħ qabel tmiem l-azzjoni.

L-Iżlanda u l-Liechtenstein għandhom jiġu eżentati mill-parteċipazzjoni fil-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea, u mill-kontribuzzjoni finanzjarja għalih. Konsegwentement, dan il-paragrafu ma għandux japplika għall-Iżlanda u l-Liechtenstein.

Bis-saħħa tal-Artikolu 79(3) tal-Ftehim, it-Taqsima VII (Dispożizzjonijiet Istituzzjonali) tal-Ftehim għandha japplika għal dan il-paragrafu.

It-terminu “Stat/Stati Membru/Membri” u termini oħra li jagħmlu referenza għall-entitajiet pubbliċi tal-Istati Membri imsemmija fil-Kapitolu VII tar-Regolament (UE) 2025/2643 għandhom jinftehimu b’tali mod li, apparti s-sens tagħhom fir-Regolament (UE) 2025/2643, ikunu jinkludu lill-Istati tal-EFTA u lill-entitajiet pubbliċi tagħhom.

Id-dispożizzjonijiet applikabbli tar-Regolament (UE) 2025/2643 għandhom, għall-finijiet tal-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (i) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2025/2643 li ġejjin biss għandhom japplikaw:

L-Artikoli 1 sa 21, 35 sa 77, u 79 sa 86.

- (ii) Fl-Artikolu 72(1), il-kliem “jew, fir-rigward ta’ impriżi stabbiliti fl-Istati tal-EFTA, l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA permezz ta’ deċiżjoni,” għandu jiddaħħal wara l-kliem “atti ta’ implimentazzjoni,”.
- (iii) Fl-Artikoli 72(2) u 72 (3) u fl-Artikoli 73, 74 u 75 il-kliem “jew, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA” għandu jiddaħħal wara l-kelma “il-Kummissjoni” u “Il-Kummissjoni”.

- (iv) Fl-Artikolu 72(4), il-kliem “L-Istati tal-EFTA għandhom jiddeterminaw l-allokazzjoni tal-ammonti tal-multi miġbura mill-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA.” għandu jiddaħħal wara l-kliem “l-Istrument ta’ Appoġġ.”.
- (v) Fl-Artikolu 73(5) u l-Artikolu 74(5), il-punt (b), il-kliem “jew il-Qorti tal-EFTA” għandu jiddaħħal wara l-kliem “il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE*.

Hija għandha tapplika mill-1 ta’ Jannar 2026.

* [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, ...

Għall-Komitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President

Is-Segretarji
Għall-Komitat Konġunt taż-ŻEE

**Dikjarazzjoni mill-Istati tal-EFTA
għad-deċiżjoni [Nru .../...] ta'
li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE biex tiġi estiża
l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti biex tinkludi
l-parteciċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA
fil-Programm għall-Industrija
tad-Difiża Ewropea u qafas ta' miżuri biex jiġu żgurati d-disponibbiltà
u l-provvista f'waqthom ta' prodotti tad-difiża stabbilit bir-Regolament (UE) 2025/2643
[għall-adozzjoni mad-Deċiżjoni u għall-pubblikazzjoni fil-ĠU]**

Din id-Deċiżjoni testendi l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti biex tinkludi l-parteciċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA fil-Programm tal-Industrija Ewropea tad-Difiża u qafas ta' miżuri biex tiġi żgurata d-disponibbiltà u l-provvista f'waqthom ta' prodotti tad-difiża ("EDIP"). L-Istati tal-EFTA jidhrilhom li kwistjonijiet ta' difiża jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim ŻEE, u għalhekk li l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni ma testendix il-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim ŻEE biex tinkludi kwistjonijiet ta' difiża lil hinn mill-parteciċipazzjoni fl-EDIP. L-Istati tal-EFTA jenfasizzaw ukoll li l-Iżlanda u l-Liechtenstein mhumiex qed jipparteċipaw fl-EDIP u għalhekk ma għandhomx ikunu meħtieġa jikkontribwixxu finanzjarjament għalih.